

Brussell, 27 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

10936/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0188 (COD)

TRANS 267
ENV 605
FIN 785

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Ġunju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 1999/62/KE fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu li fih il-vetturi tqal mingħajr emissjonijiet jistgħu jibbenefikaw minn rati mnaqqsa b'mod sinifikanti ta' tariffi għall-infrastruttura jew għall-utent jew minn eżenzjonijiet biex jitħallsu

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 348 final.

Mehmuż: COM(2025) 348 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.6.2025
COM(2025) 348 final

2025/0188 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li temenda d-Direttiva 1999/62/KE fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu li fih il-vetturi
tqal mingħajr emissjonijiet jistgħu jibbenefikaw minn rati mnaqqa b'mod sinifikanti
ta' tariffi għall-infrastruttura jew għall-utent jew minn eżenzjonijiet biex jitħallsu**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-Boxxla għall-Kompetittività¹ qed tiggwida l-politika ekonomika tal-Kummissjoni fil-mandat attwali. Tibni fuq id-Dikjarazzjoni ta' Budapest² tal-Kunsill Ewropew u d-Dikjarazzjoni ta' Antwerp³ tar-rappreżentanti tan-negozju u tat-trade unions Ewropej. Il-Boxxla għall-Kompetittività tiddefinixxi *pjan direzzjonali konġunt għad-dekarbonizzazzjoni u l-kompetittività* bħala wieħed mit-tliet imperattivi ta' trasformazzjoni biex tingħata spinta lill-kompetittività.

Dan l-imperattiv huwa żviluppat fil-Patt għal Industrija Nadifa⁴. Għandu l-għan li jsaħħaħ il-kompetittività tal-UE filwaqt li tibqa' fi triqtha lejn l-ilħuq tan-newtralità klimatika. L-enfasi hija fuq l-appoġġ u l-ħolqien tal-kundizzjonijiet it-tajba biex il-kumpaniji jilħqu dan l-għan. Għandu wkoll l-għan li jżid is-sigurtà ekonomika u enerġetika tal-UE billi jnaqqas id-dipendenza tagħha fuq il-fjuwils fossili importati u jżid is-sehem tal-enerġija prodotta mill-ġenerazzjoni dekarbonizzata fl-UE.

Il-Boxxla għall-Kompetittività u l-Patt għal Industrija Nadifa jiffukaw partikolarment fuq is-settur awtomobilistiku. Dan is-settur għaddej minn bidla profonda u trasformattiva, xprunata minn bidliet teknoloġiċi bħad-diġitalizzazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni. Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni adottat Pjan ta' Azzjoni Industrijali għas-settur awtomobilistiku Ewropew⁵.

Dawn it-tliet strateġiji jidentifikaw id-dekarbonizzazzjoni bħala mutur b'saħħtu tat-tkabbir u jressqu miżuri konkreti biex jipprovdu lill-industriji tal-UE b'argument għall-vijabbiltà aktar b'saħħtu għal produzzjoni nadifa. Il-pjan ta' azzjoni fih inċentivi speċifiċi biex tingħata spinta lill-adozzjoni ta' vetturi b'emissjonijiet żero, inklużi vetturi tqal.

Fl-2022, is-settur tat-trasport bit-triq b'mezzi tqal ikkawża 27,5 % tal-emissjonijiet tas-CO₂⁶ tat-trasport bit-triq minkejja li jirrappreżenta biss 2,4 % tal-flotta tal-vetturi⁷. L-emissjonijiet tas-CO₂ fis-settur tat-trasport bit-triq b'mezzi tqal ammontaw għal aktar minn 6,9 % tal-emissjonijiet kollha fl-UE u kienu 20 % ogħla milli fl-1995.

It-trasport tal-merkanzija bit-triq huwa “settur diffiċli sabiex jitrażżan”, li jfisser li l-kost tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tiegħu huwa ogħla milli f'setturi oħra tal-ekonomija. Barra minn hekk, is-suq tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq huwa kompetittiv ħafna u

¹ COM(2025) 30 final.

² <https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2024/11/08/the-budapest-declaration/>.

³ <https://antwerp-declaration.eu/>.

⁴ COM(2025) 85 final.

⁵ COM(2025) 95 final.

⁶ L-emissjonijiet tas-CO₂ mis-settur tat-trasport bit-triq b'mezzi tqal żdiedu b'20 % bejn l-1995 u l-2022 u fl-istess perjodu l-volum tat-traffiku żdied b'70 %. Għalhekk, it-tnaqqis relattiv tal-emissjonijiet tas-CO₂ seħħ b'riżultat ta' vetturi aktar effiċjenti, u minkejja dan it-titjib ma ntlaħaqx tnaqqis assolut tal-emissjonijiet CO₂ minħabba ż-żieda fil-livelli tat-traffiku. Biex wieħed ikun jista' jqabbel, l-emissjonijiet tas-CO₂ u l-volum tat-traffiku tal-karozzi żdiedu b'9 % u b'24 % rispettivament matul l-istess perjodu. https://transport.ec.europa.eu/facts-funding/studies-data/eu-transport-figures-statistical-pocketbook/statistical-pocketbook-2024_en.

⁷ https://www.acea.auto/files/ACEA_Report_-_Vehicles_on_European_roads_2025.pdf.

kkaratterizzat minn marġnijiet ta' profitt baxx, li jillimitaw l-investiment f'teknoloġiji ta' tnaqqis għaljin bħal f'vetturi b'emissjonijiet zero.

L-innovazzjoni mill-manifatturi tal-vetturi tqal f'dawn l-aħħar snin wasslet għall-introduzzjoni ta' mudelli b'emissjonijiet zero li jkopru l-każijiet kollha ta' użu, inkluż fuq distanzi twal⁸. L-użu tagħhom żdied sostanzjalment mill-2019⁹. Fl-2024, 3,9 % tal-vetturi tqal ġodda kollha kienu vetturi b'emissjonijiet zero¹⁰, inkluż 1,2 % tal-vetturi tqal tal-merkanzija ġodda li jiżnu aktar minn 12-il tunnellata. Madankollu, is-sehem ta' vetturi b'emissjonijiet zero fil-flotta tal-vetturi tqal għadu baxx hafna¹¹.

Il-mira ta' tnaqqis tas-CO₂ għall-2025 għall-vetturi tqal ta' 15 % meta mqabbla mal-valuri tal-2019¹² tista' tintlaħaq permezz ta' titjib fl-effiċjenza fil-vetturi konvenzjonali, iżda l-użu ta' vetturi b'emissjonijiet zero jrid jiżdied malajr biex jintlaħqu l-miri sussegwenti¹³. Madankollu, l-investiment bil-quddiem għall-akkwist ta' vettura b'emissjonijiet zero huwa madwar 2,5 darbiet ogħla mill-kost ta' vetturi konvenzjonali¹⁴ ekwivalenti u jibqa' wieħed mill-ostakli ewlenin għall-użu usa' tagħhom.

Għall-kuntrarju tas-suq għall-karozzi tal-passiġġieri, is-suq għall-vetturi tqal huwa suq minn negozju għal negozju. L-għażliet ta' investiment jiġu ddeterminati mill-kost tal-vettura matul il-ħajja kollha tagħha. Dan huwa magħruf bħala l-kost totali tas-sjieda¹⁵ (TCO, Total Cost of Ownership). Is-suq għall-vetturi tqal huwa sensittiv għall-prezzijiet. Dan ifisser li d-deċiżjoni dwar ix-xiri mill-operaturi meta jinvestu f'vettura ġdida x'aktarx li jiġi ddeterminat mit-TCO tal-vettura. Fi kliem ieħor, l-operaturi se jkollhom argument għall-vijabbiltà biex jinvestu f'vettura b'emissjonijiet zero ladarba l-kost tagħha jsir aktar baxx mill-kost ta' vettura konvenzjonali li taħdem bil-fjuwils fossili.

⁸ Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-istat ta' thejġija tat-teknoloġija u tas-suq tal-vetturi tqal tat-trasport bit-triq (COM(2025)260). Ara wkoll il-lista tal-mudelli eżistenti b'emissjonijiet zero fid-dokument disponibbli fil-qiegħ ta' din il-paġna web: <https://www.acea.auto/news/truck-and-bus-manufacturers-contribution-to-climate-neutral-road-transport/>.

⁹ Meta mqabbla mal-2019, fl-2024 inbiegħu 40 darba aktar vetturi tqal tal-merkanzija b'emissjonijiet zero b'piż ta' aktar minn 12-il tunnellata, 6,5 darbiet aktar vetturi tqal tal-merkanzija b'emissjonijiet zero li jiżnu inqas minn 12-il tunnellata u aktar minn 3,5 tunnellati, u 4 darbiet aktar xarabanks u kowċis b'emissjonijiet zero. Iċ-ċifri tal-bejgħ tal-vetturi b'emissjonijiet zero fl-2024 kienu: 3 400 vettura tqila tal-merkanzija li jiżnu aktar minn 12-il tunnellata (madwar 1,2 % tar-reġistrazzjonijiet il-ġodda), 4 800 li jiżnu inqas minn 12-il tunnellata u aktar minn 3,5 tunnellati (10 %), u 6 000 xarabank u kowċis (17 %). <https://theicct.org/publication/r2z-eu-hdv-market-development-quarterly-jan-dec-2024-feb25/>.

¹⁰ <https://theicct.org/publication/r2z-eu-hdv-market-development-quarterly-jan-dec-2024-feb25/>.

¹¹ Il-vetturi tqal tal-merkanzija elettriċi bil-batterija (jiġifieri vetturi li jiżnu aktar minn 3,5 tunnellati) jirrappreżentaw 0,1 % tal-flotta tal-UE fl-2023 (id-Danimarka kellha l-ogħla proporzjon b'1 %). Il-karozzi tal-linja u l-kowċis elettriċi bil-batteriji jammontaw għal 2,5 % tal-flotta (in-Netherlands kellhom l-ogħla proporzjon b'17,7 %). https://www.acea.auto/files/ACEA_Report_-_Vehicles_on_European_roads_2025.pdf.

¹² Il-miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għas-settur tat-trasport bit-triq b'mezzi tqal huma stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-vetturi tqal ġodda. Ara t-taqsimha hawn taħt dwar "Konsistenza ma' politiki oħra tal-UE".

¹³ Il-manifatturi indikaw li, fl-2030 jista' jkun mistenni li madwar waħda minn kull tliet vetturi tqal ġodda tkun vettura b'emissjonijiet zero. Ara COM (2025)260 u l-istudju ta' sostenn korrispondenti: "Market readiness analysis – Expected uptake of alternative fuel heavy-duty vehicles until 2030 and their corresponding infrastructure needs", <https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/8a598b35-40f3-11f0-b9f2-01aa75ed71a1/>.

¹⁴ It-tqabbil bejn il-prezzijiet bl-imnut ta' trakkijiet mħaddma minn teknoloġiji differenti huwa disponibbli fl-Appendiċi C tal-istudju li ġej: <https://theicct.org/publication/total-cost-ownership-trucks-europe-nov23/>.

¹⁵ It-TCO ta' vettura huwa s-somma tal-kost tal-akkwist bil-quddiem u tal-kostijiet għat-tħaddim tal-vettura tul il-ħajja utli tagħha (fjuwil, manutenzjoni, taxxi, tariffi għall-użu tat-triq, u assigurazzjoni).

It-tariffi għall-użu tat-triq differenzjati jistgħu jnaqqsu l-kostijiet operatorji u għalhekk jonqos ukoll it-TCO tal-vetturi b'emissjonijiet żero. Għalhekk jistgħu jgħinu biex jinbena argument għall-vijabbiltà aktar b'saħħtu għall-investiment f'dawk il-vetturi.

Id-Direttiva (UE) 2022/362¹⁶ ippermettiet it-tariffi għall-użu tat-triq¹⁷ abbażi tal-emissjonijiet tas-CO₂. Id-Direttiva (UE) 2022/362 emendat id-Direttiva 1999/62/KE¹⁸ billi pprovdiet, fost bidliet oħra, għall-varjazzjoni tat-tariffi għall-infrastruttura u għall-utent (li jiffavorixxu l-użu ta' vetturi aktar nodfa) u/jew għall-internalizzazzjoni tal-kostijiet esterni tas-CO₂ (penalizzazzjoni tal-vetturi li jniġġsu aktar). Iż-żewġ miżuri jnaqqsu d-distakk bejn it-TCO ta' vetturi konvenzjonali u t-TCO ta' vetturi b'emissjonijiet żero.

Il-varjazzjoni tat-tariffi għall-użu tat-triq tikkonsisti fl-għoti ta' tnaqqis ta' 50 % sa 75 % fit-tariffi għall-infrastruttura jew għall-utent għal vetturi b'emissjonijiet żero¹⁹. It-tariffa għall-kostijiet esterni iżżid il-kost estern għall-emissjonijiet ta' CO₂ mit-traffiku mat-tariffi għall-infrastruttura. Id-Direttiva tipprevedi għal valuri ta' referenza għal din it-tariffa, abbażi tal-prezz tas-CO₂ ta' EUR 100 għal kull tunnellata ta' CO₂ emess²⁰.

Id-Direttiva tkompli ssaħħaħ dawk iż-żewġ mekkaniżmi billi tippermetti lill-Istati Membri jistabbilixxu rati mnaqqsa ħafna jew saħansitra jagħtu eżenzjoni sħiħa għall-vetturi b'emissjonijiet żero mit-tariffa għall-infrastruttura jew għall-utent sal-31 ta' Diċembru 2025²¹. Tippermetti wkoll lill-Istati Membri japplikaw tariffi ogħla għall-kostijiet esterni għall-emissjonijiet tas-CO₂ mit-traffiku sa darbtejn il-valuri ta' referenza tad-Direttiva²².

L-appoġġ monetarju fi Stat Membru li jagħmel użu sħiħ minn dawn id-dispożizzjonijiet biex jinċentiva operatur jinvesti f'vettura bil-mutur b'emissjonijiet żero li tista' tiżen sa 40 tunnellata huwa stmat li jilħaq EUR 45 000 fl-ewwel sena tal-operat²³. Vetturi iżgħar

¹⁶ Id-Direttiva (UE) 2022/362 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2022 li temenda d-Direttivi 1999/62/KE, 1999/37/KE u (UE) 2019/520, fir-rigward tal-ħlas li jrid isir mill-vetturi għall-użu ta' ċerti infrastrutturi (ĠU L 69, 4.3.2022, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2022/362/oj>).

¹⁷ It-terminu "tariffi għall-użu tat-triq" ikopri pedaġġi u tariffi għall-utent. Il-pedaġġi huma magħrufa wkoll bħala tariffi bbażati fuq id-distanza u t-tariffi għall-utent huma magħrufa wkoll bħala tariffi bbażati fuq il-ħin jew vinjetta. Il-pedaġġi huma definiti fl-Artikolu 2(1), il-punt (7), tad-Direttiva 1999/62/KE bħala t-total ta' mill-inqas wieħed mit-tliet elementi li ġejjin: tariffa għall-infrastruttura, tariffa għall-kostijiet esterni, u tariffa għall-konġestjoni. It-tariffi għall-utent huma definiti fl-Artikolu 2(1), il-punt (16) tal-istess Direttiva bħala ammont speċifikat li, meta jitħallas, jagħti d-dritt lil vettura li tuża ċerta infrastruttura tat-toroq għal perjodu partikolari.

¹⁸ Id-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1999 dwar il-ħlas li jrid isir mill-vetturi għall-użu tal-infrastrutturi tat-toroq (ĠU L 187, 20.7.1999, p. 42, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1999/62/oj>).

¹⁹ L-Artikolu 7ga(3)(d) tad-Direttiva 1999/62/KE.

²⁰ L-Artikolu 7c(1) l-Anness IIIc tad-Direttiva 1999/62/KE. Kif spjegat fil-memorandum ta' spjegazzjoni għall-proposta għal dik li se ssir id-Direttiva (UE) 2022/362 (COM (2017) 275 final), il-valuri fl-annessi tad-Direttiva huma bbażati fuq il-manwal dwar il-kostijiet esterni tat-trasport. Il-valuri tal-Anness IIIc huma kkalkulati abbażi taċ-ċifri ppreżentati fit-Tabella 24 tal-istudju disponibbli fuq: <https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/9781f65f-8448-11ea-bf12-01aa75ed71a1/language-en>.

²¹ Il-ħames subparagrafu tal-Artikolu 7ga(1), tad-Direttiva 1999/62/KE.

²² L-Artikolu 7cb(1) tad-Direttiva 1999/62/KE.

²³ https://www.transportenvironment.org/uploads/files/202403_TE_Eurovignette_briefing_update.pdf.

jirċievu livell ta' appoġġ aktar baxx. Għal xi każijiet ta' użu, id-Direttiva tgħin biex tinkiseb parità fil-kostijiet bejn il-vetturi tqal b'emissjonijiet żero u l-vetturi konvenzjonali ²⁴.

It-traspożizzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet fil-leġislazzjoni nazzjonali kellha titlesta sal-25 ta' Marzu 2024. L-opzjoni li jiġu applikati rati mnaqqs b'mod sinifikanti għal vetturi b'emissjonijiet żero jew li jiġu eżentati mit-tariffi għall-infrastruttura jew għall-utent hija mistennija li tintemm fil-31 ta' Diċembru 2025. Dan il-perjodu huwa qasir wisq biex jinċentiva biżżejjed id-domanda għal vetturi tqal ġodda b'emissjonijiet żero.

Il-Kummissjoni għalhekk tipproponi li testendi l-applikabbiltà ta' din l-eżenzjoni. Bħala appoġġ lill-manifatturi Ewropej biex jilhqgħu l-mira tagħhom li jnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ minn vetturi tqal ġodda b'43 % fil-perjodu ta' rapportar tal-2030 (kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2019/1242), il-Kummissjoni tipproponi li l-eżenzjoni jenhtiegħ li tiġi estiża sa tmiem il-perjodu ta' rapportar tal-2030, li jintemm fit-30 ta' Ġunju 2031. Din il-bidla tiżgura qafas leġislattiv koerenti.

L-eżenzjoni attwali għandha tintemm fil-31 ta' Diċembru 2025 u l-awtoritajiet nazzjonali jridu jittrasponu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva proposta bħalissa fid-dritt nazzjonali. Il-Kummissjoni għalhekk qed tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jikkunsidraw li jħaffu l-adozzjoni ta' din il-proposta.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Din il-proposta ttawwal dispożizzjoni eżistenti li ġiet introdotta reċentement u għalhekk hija konsistenti mal-qafas ta' politika eżistenti dwar it-tariffi għall-użu tat-triq. Meta ġiet implimentata, din id-dispożizzjoni kellha impatt pożittiv fuq il-ħolqien ta' argument għall-vijabbiltà għal vetturi b'emissjonijiet żero. L-eżenzjoni mit-tariffi għall-infrastruttura jew għall-utenti tikkomplementa l-applikazzjoni tat-tariffi għall-kostijiet esterni minħabba li ż-żewġ miżuri jnaqqsu d-distakk bejn il-kostijiet operatorji u b'hekk bejn it-TCOs ta' vetturi b'emissjonijiet żero u daww konvenzjonali. Għalhekk, iż-żewġ miżuri huma importanti fit-tisħiħ tal-argument għall-vijabbiltà għall-investiment f'vetturi b'emissjonijiet żero.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta iżżid miżura fuq in-naħa tad-domanda tas-suq għal vetturi tqal ġodda sabiex taċċellera l-użu tagħhom. Għalhekk, din tikkomplementa l-istandards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ tar-**Regolament** dwar il-Vetturi Tqal ²⁵, li jaġixxi fuq in-naħa tal-provvista tas-suq għall-vetturi tqal ġodda, u li jistabbilixxi mira ta' tnaqqis tas-CO₂ ta' 43 % għall-manifatturi sal-2030 (u miri ogħla sussegwenti sal-2040). Il-manifatturi jistgħu jilhqgħu l-miri billi (i) itejbu l-effiċjenza tal-vetturi konvenzjonali; u/jew (ii) jżied l-għadd ta' vetturi b'emissjonijiet żero li jkiegħdu fis-suq. Din il-proposta tgħin lill-manifatturi jżidu l-użu ta' vetturi b'emissjonijiet żero.

L-internalizzazzjoni tal-kost tal-karbonju tnaqqas id-distakk fit-TCO bejn vetturi aktar nodfa u vetturi li jnigħsu aktar billi żżid il-kostijiet operatorji tal-vetturi konvenzjonali. Id-Direttiva

²⁴ <https://www.iru.org/resources/iru-library/alternative-vs-traditional-truck-powertrains-eu-total-cost-ownership-2024> and <https://www.youtube.com/watch?v=ktAEN7do6pA>.

²⁵ Ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-vetturi tqal ġodda u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 u (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 202, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1242/oj>).

1999/62/KE tinternalizza l-kost tal-karbonju billi timponi tariffa għall-kostijiet esterni. Mill-2027, l-emissjonijiet tat-trasport bit-triq se jkunu koperti wkoll mill-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fid-**Direttiva 2003/87/KE (ETS2)** ²⁶. Il-konsistenza bejn daww iż-żewġ miżuri se tkun is-suġġett ta' rapport mill-Kummissjoni li se jiġi ppreżentat sal-2027, f'konformità mal-Artikoli 7cb(4) u 7ga(8) tad-Direttiva 1999/62/KE. Il-valutazzjoni se tindirizza wkoll l-effett tat-tassazzjoni fuq l-enerġija fuq il-prezzar tal-karbonju, kif regolata skont id-**Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE** ²⁷.

L-infrastruttura tal-irriċarġjar hija kundizzjoni abilitanti għall-użu aktar rapidu ta' vetturi tqal b'emissjonijiet żero. Ir-**Regolament TEN-T** ²⁸ rivedut reċentement u r-**Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi** ²⁹ jistabbilixxu miri għall-varar ta' stazzjonijiet tar-riċarġjar u tar-riforniment tal-idroġenu, inklużi miri speċifiċi għat-trasport b'mezzi tqal. Barra minn hekk, il-pjan ta' azzjoni industrijali għas-settur awtomobilistiku tal-UE ddikjara li l-Kummissjoni se taħdem fuq **Kurituri tat-Trasport Nodfa Ewropej** sabiex jitħaffef il-varar ta' ċentri tal-iċċarġjar għall-vetturi tqal. Iddikjara wkoll li se jsiru proposti addizzjonali fil-**Pjan ta' Investiment għat-Trasport Sostenibbli** li jmiss.

Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂, huwa essenzjali li ssir il-bidla minn fjuwils fossili għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Fl-2023 l-enerġija rinnovabbli saret is-sors ewlieni tal-produzzjoni tal-elettriku fl-UE ³⁰. Madankollu, l-espansjoni tal-infrastruttura tal-grilja tal-elettriku hija daqstant importanti biex tiġi appoġġata din it-tranżizzjoni. Il-konnessjonijiet mal-grilja huma kruċjali għall-varar tal-infrastruttura tar-riċarġjar għat-trasport b'mezzi tqal. Diġà huma ppjanati diversi azzjonijiet fl-ambitu tal-**Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Grilji** ³¹ u dan se jiġi ssupplimentat ukoll mill-**Pakkett dwar il-Grilji Ewropej** u l-**Pjan ta' Azzjoni għall-Elettrifikazzjoni**. Il-Kummissjoni se toħroġ **Gwida** u **Rakkomandazzjonijiet** lill-Istati Membri dwar it-tqassir taż-żmien ta' stennija għall-konnessjonijiet tal-punti tal-iċċarġjar mal-grilji u t-trattament prijoritarju tagħhom u se tirrakkomanda li l-Istati Membri jqisu li l-istazzjonijiet tar-riċarġjar u l-konnessjoni tagħhom mal-grilja huma fl-interess pubbliku prevalenti fil-kuntest tal-proċessi għall-ħruġ tal-permessi.

²⁶ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2003/87>).

²⁷ Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirrifirma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2003/96>).

²⁸ Ir-Regolament (UE) 2024/1679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1153 u (UE) Nru 913/2010 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 (ĠU L, 2024/1679, 28.6.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1679/oj>).

²⁹ Ir-Regolament (UE) 2023/1804 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE (ĠU L 234, 22.9.2023, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1804/oj>).

³⁰ Fl-2023, 44,7 % tal-produzzjoni tal-elettriku ġiet minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli u 32,5 % ġiet mill-fjuwils fossili <https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-eurostat-news/w/ddn-20240627-1>.

³¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Grilji, il-konnessjoni nieqsa — Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Grilji, COM(2023) 757 final. <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM%3A2023%3A757%3AFIN&qid=1701167355682>

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-bażi legali tad-Direttiva 1999/62/KE hija l-Artikoli 91 u 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Din il-proposta tirrigwarda l-impożizzjoni ta' tariffi għall-użu tat-triq fuq il-vetturi, qasam li għalih japplika l-Artikolu 91(1) tat-TFUE. Għalhekk il-bażi legali ta' din il-proposta hija l-Artikolu 91(1) tat-TFUE.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-UE tikkondividi l-kompetenza mal-Istati Membri biex tirregola fil-qasam tat-trasport skont l-Artikolu 4(2)(g) tat-TFUE, iżda l-UE biss tista' tadatta r-regoli eżistenti tal-UE. Id-Direttiva 1999/62/KE tiddefinixxi l-każijiet li fihom jistgħu jingħataw tnaqqis jew eżenzjonijiet mill-pedaġġi u mit-tariffi għall-utent. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom diskrezzjoni biex jiddeċiedu kif jużaw dawk il-possibbiltajiet. Ir-rati mnaqqsa b'mod sinifikanti jew l-eżenzjoni għal vetturi b'emissjonijiet żero mit-tariffi għall-utent jew għall-infrastruttura jistgħu jiġu estenzi biss lil hinn minn tmiem l-2025 billi tiġi emendata d-Direttiva. L-għażla dwar jekk għandhiex tintuża din il-possibbiltà jew le hija f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali.

- **Proporzjonalità**

Il-miżuri proposti ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-UE li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, filwaqt li jiġu żgurati wkoll l-ekwità u l-integrità ambjentali.

- **Għażla tal-istrument**

Peress li l-att legali li għandu jiġi emendat huwa Direttiva, l-att emendatorju jenħtieġ li jieħu l-istess forma.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Iż-żmien qasir li għadda minn meta r-regoli l-ġodda kellhom jiġu implimentati (jiġifieri l-25 ta' Marzu 2024) ifisser li m'hemmx biżżejjed informazzjoni għal evalwazzjoni ex post kompluta tad-Direttiva (UE) 2022/362. Barra minn hekk, din il-proposta sempliċement testendi dispożizzjoni li diġà teżisti.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Waqt it-tnejn ta' din il-proposta, il-Kummissjoni organizzat konsultazzjonijiet immirati ma' partijiet ikkonċernati speċifiċi, inklużi l-assoċjazzjonijiet tal-operaturi tat-trasport u tal-manifatturi tal-vetturi, is-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet nazzjonali.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni bbażat fuq l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku biex tivvaluta kemm il-livell attwali tal-użu ta' vetturi b'emissjonijiet żero, kif ukoll l-effettività tal-eżenzjoni mit-tariffi għall-infrastruttura jew għall-utent. Is-sorsi kollha użati mill-Kummissjoni huma disponibbli fin-noti f'qiegħ il-paġna għat-test fit-Taqsima 1 hawn fuq.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta li wasslet għall-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2022/362³². Il-proposta attwali temenda biss id-data tat-tmiem ta' dispożizzjoni fakultattiva. Għaldaqstant, ma hemmx bżonn ta' valutazzjoni tal-impatt ġdida.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Din il-proposta sempliċiment tibdel data u għalhekk ma għandha l-ebda konsegwenza għas-simplifikazzjoni tal-liġi tal-UE.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-estensjoni tal-eżenzjoni mit-tariffi għall-infrastruttura jew għall-utent ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-UE.

L-implikazzjonijiet differenti tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għall-baġits nazzjonali jiddependu mill-istrategġji ta' implimentazzjoni individwali tal-Istati Membri. It-tnaqqis jew l-eżenzjoni ta' vetturi aktar nodfa mit-tariffi għall-użu tat-triq jista' jkollhom impatt negattiv fuq id-dħul u għalhekk fuq il-baġits nazzjonali sakemm ir-rata medja għal vetturi oħra ma tiżdiedx³³. Min-naħa l-oħra, it-tariffi għall-kostijiet esterni jiġġeneraw dħul u jħallu impatt pożittiv fuq il-baġits nazzjonali. Id-Direttiva toffri tliet opzjonijiet li l-Istati Membri jistgħu jimplimentaw:

it-tnaqqis jew l-eżenzjonijiet mit-tariffi għall-użu tat-triq sabiex jiġi inċentivat l-investiment f'vetturi aktar nodfa;

it-tariffi għall-kostijiet esterni sabiex daww il-kostijiet esterni jiġu kkunsidrati fid-deċiżjonijiet ta' investiment tas-settur privat;

dawn iż-żewġ strumenti simultanjament sabiex jiġi massimizzat it-tnaqqis fid-diskrepanza tat-TCO bejn il-vetturi konvenzjonali u l-vetturi b'emissjonijiet żero.

Fit-terminu qasir u medju (jiġifieri l-kamp ta' applikazzjoni temporali ta' din il-proposta), l-effett negattiv potenzjali tat-tnaqqis fit-tariffi għall-użu tat-triq fuq il-baġits nazzjonali jista' jkun mistenni li jkun inqas mill-effett pożittiv tat-tariffi għall-kostijiet esterni. Ir-raġuni hija li attwalment il-vetturi b'emissjonijiet żero għadhom parti żgħira ħafna tal-flotta tal-vetturi³⁴ u

³² Il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi u l-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi, fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet dwar it-tassazzjoni fuq il-vetturi (SWD (2017) 180), disponibbli fuq <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/ALL/?uri=SWD:2017:180:FIN>.

³³ L-Artikolu 7ga(4) jirrikjedi li l-varjazzjonijiet fil-pedaġġ li huma bbażati fuq dak l-Artikolu ma jridux jitfasslu biex jiġġeneraw dħul addizzjonali. Dan ifisser li l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jirkupraw dħul mitluf minħabba tnaqqis jew eżenzjonijiet mogħtija lil vetturi aktar nodfa b'tariffi ogħla fuq vetturi oħra.

³⁴ Ara n-nota 11 f'qiegħ il-paġna.

sal-2030 mistennija li jkunu bejn 5 % u 9 % tal-flotta tal-vetturi tqal³⁵. Għaldaqstant, jekk iż-żewġ strumenti jiġu applikati simultanjament, id-dħul mit-tariffi għall-kostijiet esterni jista' jkun mistenni li jkun akbar mid-dħul mitluf tat-tnaqqis jew tal-eżenzjonijiet mit-tariffi għall-użu tat-triq. L-użu tad-dħul iġġenerat mit-tariffi għall-użu tat-triq (tariffi għall-infrastruttura jew għall-utent) u mit-tariffi għall-kostijiet esterni huwa rregolat skont l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 1999/62/KE.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-Artikolu 11 tad-Direttiva 1999/62/KE jistabbilixxi obbligu ta' rapportar ta' kull ħames snin. L-aħħar skadenza kienet il-25 ta' Marzu 2025, u l-iskadenza li jmiss hija il-25 ta' Marzu 2030. L-Artikolu 11(2)(c) jirrikjedi rapportar dwar "*il-varjazzjoni tat-tariffi għall-infrastruttura jew tat-tariffi għall-utent skont il-prestazzjoni ambjentali tal-vetturi, skont l-Artikoli 7g, 7ga jew 7gb*". L-iskadenza li jmiss hija qabel id-data tat-tmiem proposta tal-eżenzjoni u għalhekk se tkun xierqa għall-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tagħha. Għalhekk ma huwa pplanat l-ebda obbligu ta' rapportar addizzjonali.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Din il-proposta testendi d-dispożizzjoni fakultattiva eżistenti, u għalhekk ma jkun meħtieġ l-ebda dokument ta' spjegazzjoni. L-Istati Membri li jużaw din l-opzjoni madankollu jenħtieġ li jinfurmaw lill-Kummissjoni.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jemenda l-ħames subparagrafu tal-Artikolu 7ga(1) tad-Direttiva 1999/62/KE billi jestendi l-eżenzjoni stabbilita f'dik id-dispożizzjoni sat-30 ta' Ġunju 2031.

L-Artikoli 2 jirrikjedi li l-Istati Membri jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni bil-miżuri meħuda skont din id-Direttiva.

L-Artikolu 3 jistabbilixxi d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva.

L-Artikolu 4 jispeċifika li d-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

³⁵ COM(2025)260

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 1999/62/KE fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu li fih il-vetturi tqal mingħajr emissjonijiet jistgħu jibbenefikaw minn rati mnaqqsa b'mod sinifikanti ta' tariffi għall-infrastruttura jew għall-utent jew minn eżenzjonijiet biex jitħallsu

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew³⁶,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat tar-Regjuni³⁷,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) L-ċifri tar-reġistrazzjoni ta' vetturi tqal ġodda b'emissjonijiet żero reċentement żdiedu fl-Unjoni iżda għadhom baxxi wisq biex jintlaħqu l-miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ tas-settur tat-trasport stabbiliti fl-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelligenti³⁸. Wieħed mill-ostakli ewlenin għall-użu usa' ta' vetturi tqal b'emissjonijiet żero huwa l-kost inizjali għoli tal-akkwist ta' tali vettura. L-iżgurar ta' argument għall-vijabbiltà aktar b'saħħtu għall-investiment f'vetturi b'emissjonijiet żero jfisser ħidma lejn il-parità tal-kostijiet mal-vetturi konvenzjonali. Il-kost totali tas-sjieda jikkonsisti fl-investiment bil-quddiem li jsir biex tiġi akkwistata l-vettura u l-kostijiet operatorji mġarrba matul il-ħajja tal-vettura. Id-distakk fil-kost totali tas-sjieda bejn il-vetturi konvenzjonali u dawk b'emissjonijiet żero jista' jtnaqqas billi jtnaqqsu l-kostijiet operatorji tal-vetturi b'emissjonijiet żero. Dawk il-kostijiet jinkludu t-tariffi għall-użu tat-triq.
- (2) Id-Direttiva (UE) 2022/362 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁹ emendat id-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁰ billi, fost bidliet oħra,

³⁶ ĠU C , , p. .

³⁷ ĠU C , , p. .

³⁸ COM(2020)789

³⁹ Id-Direttiva (UE) 2022/362 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2022 li temenda d-Direttivi 1999/62/KE, 1999/37/KE u (UE) 2019/520, fir-rigward tal-ħlas li jrid isir mill-vetturi għall-użu ta' ċerti infrastrutturi (ĠU L 69, 4.3.2022, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2022/362/oj>).

⁴⁰ Id-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1999 dwar il-ħlas li jrid isir mill-vetturi għall-użu tal-infrastrutturi tat-toroq (ĠU L 187, 20.7.1999, p. 42, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1999/62/oj>).

għamlitha possibbli li jiġu stabbiliti tariffi għall-użu tat-triq skont l-emissjonijiet tas-CO₂ tal-vetturi. Hija introduċiet il-possibbiltà li jiġu varjati t-tariffi għall-infrastruttura u għall-utent u/jew li jiġu internalizzati l-kostijiet esterni tal-emissjonijiet tas-CO₂. Iż-żewġ miżuri jaffettwaw il-kostijiet operatorji tal-vetturi. Il-varjazzjoni tat-tariffi tnaqqas il-kostijiet operatorji ta' vetturi li jniġġsu inqas, filwaqt li t-tariffi għall-kostijiet esterni jżidu l-kostijiet operatorji ta' vetturi li jniġġsu aktar. Iż-żewġ miżuri jnaqqsu d-distakk fil-kost totali tas-sjeda bejn il-vetturi b'emissjonijiet żero u dawk konvenzjonali. Iż-żewġ miżuri huma importanti fit-tisħiħ tal-argument għall-vijabbiltà għall-investment f'vetturi b'emissjonijiet żero.

- (3) L-Artikolu 7ga (1), il-ħames subparagrafu, tad-Direttiva 1999/62/KE attwalment jagħti lill-Istati Membri l-possibbiltà li japplikaw rati mnaqqsa ta' tariffi għall-infrastruttura jew għall-utent mingħajr ma jqiegħdu ebda limitu massimu fuq tali tnaqqis, jew li japplikaw eżenzjonijiet sħaħ minn tali tariffi, sal-31 ta' Diċembru 2025 biss. L-Istati Membri kienu meħtieġa jittrasponu dik id-dispożizzjoni, introdotta bid-Direttiva (UE) 2022/362, fil-liġijiet nazzjonali sal-25 ta' Marzu 2024. Dik id-data tat-tmiem għat-traspożizzjoni timplika l-perjodu ta' implimentazzjoni qasir ħafna ta' inqas minn sentejn. Dan il-perjodu huwa qasir wisq biex jinċentiva biżżejjed id-domanda għal vetturi tqal ġodda b'emissjonijiet żero. Għalhekk, jenħtieġ li dik id-data tat-tmiem tiġi posposta sabiex jinħolqu l-kundizzjonijiet it-tajba għall-użu usa' ta' vetturi b'emissjonijiet żero.
- (4) Il-varjazzjoni tat-tariffi għall-użu tat-triq taffettwa d-deċiżjonijiet ta' investment tal-operatori tat-trasport li jakkwistaw vettura ġdida. Għalhekk għandha effett fuq in-naħa tad-domanda tas-suq għal vetturi tqal ġodda. Il-manifatturi tal-vetturi tqal jikkontribwixxu n-naħa tal-provvista tal-istess suq. Dawn għandhom mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' 43 % sal-2030, kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁴¹. Filwaqt li l-vetturi konvenzjonali effiċjenti jikkontribwixxu wkoll għall-kisba ta' din il-mira, huwa meħtieġ l-użu usa' ta' vetturi b'emissjonijiet żero sabiex din tintlaħaq. L-ewwel sena meta l-manifatturi jridu jilħqu dik il-mira hija l-perjodu ta' rapportar 2030, bi skadenza tat-30 ta' Ġunju 2031.
- (5) Biex jiġi żgurat qafas legali ċar u koerenti u biex il-kumpaniji tal-Unjoni fis-settur awtomobilistiku jiġu appoġġati fil-kisba tal-miri tagħhom għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂, jenħtieġ li jiġi allinjat iż-żmien tal-miżuri fuq in-naħa tad-domanda u tal-provvista tas-suq tal-vetturi tqal. Għalhekk, id-data tat-tmiem sa meta jkun possibbli għall-Istati Membri li japplikaw rati mnaqqsa b'mod sinifikanti ta' tariffi għall-infrastruttura jew għall-utenti jew li jeżentaw vetturi b'emissjonijiet żero minn tali tariffi jenħtieġ li tiġi posposta sat-30 ta' Ġunju 2031.
- (6) In-natura fakultattiva tad-dispożizzjoni emendata tfisser li l-Istati Membri mhumieks obligati jittrasponu din id-Direttiva. Madankollu, jenħtieġ li jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni jekk jużaw l-opzjoni li jagħtu lil vetturi b'emissjonijiet żero rati mnaqqsa b'mod sinifikanti ta' tariffi għall-infrastruttura u għall-utent jew eżenzjonijiet biex iħallsuhom wara l-31 ta' Diċembru 2025,

⁴¹ Ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-vetturi tqal ġodda u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 u (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 202, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1242/oj>).

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 7ga (1), il-ħames subparagrafu, tad-Direttiva 1999/62/KE, id-data “31 ta’ Diċembru 2025” hija sostitwita bi “30 ta’ Ġunju 2031”, u d-data “1 ta’ Jannar 2026” hija sostitwita bi “1 ta’ Lulju 2031”.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-miżuri meħuda skont din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President